# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' l-Erbgha 11 ta' Lulju, 2018**

**Rikors RevokaNumru : 500/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**Fl-atti tar-rikors mahluf numru 377/2018 JPG u wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 529/2018 fl-ismijiet:**

**L.S Group Limited**

**Vs**

**Adolf Anastasi f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' Bourne Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konvenut Adolf Anastasi [detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 110177(M)], datat 18 ta' Mejju 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi permezz ta' rikors imressaq fl-4 ta' April 2018, is-soċjeta' attriċi talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' l-esponenti f'ismu proprju u f'isem is-*

*soċjeta' Bourne Company Limited għas-somma ta' €68,871.92, u dan in kawtela ta' "Bilanċ tal-prezz u VAT, għal xogħlijiet ta' bini, alterazzjonijiet, dawl u ilma, u xogħolijiet oħra konnessi, relattivi u/jew anċllari eżegwiti mis-sekwestranti jew min-nies imqabbda minnha fuq struzzjonijiet tas-sekwestrati fil-fond li llum iġib l-isem "Le Parisien", Triq il-Mosta Kantuniera ma' Triq Ħal-Warda, Attard".*

*Illi dan ir-rikors ġie akkordat b'digriet ta' l-4 ta' April 2018 (ara kopja tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 529/2018, hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument AA1").*

*Illi hemm lok għar-revoka ta' dan l-att kawtelatorju, a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, billi ma hemm l-ebda dritt prima facie kontra l-esponenti f'ismu proprju.*

*Illi huwa paċifiku illi il-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huma erbgħa, u ċioe' (i) l-eżistenza ta' pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li fil-konfront tagħha jinħareġ il-mandat, (ii) li ssir kawża li tistħarreg sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, entro t-terminu preskritt, (iii) li l-mandat ikun jirrispetta ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu, u (iv) li l-mandat jintalab u jinħareġ taħt ir-responsabbilta' tar-rikorrent [vide* ***Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart*** *(Rik. Nru.336/2005 JRM), deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29.07.2005].*

*Illi s-soċjeta' attriċi, kif espress kemm fl-att kawtelatorju ċitat, u kemm fl-avviż promotur ta' din il-kawża, qed tippretendi li għandha d-dritt għall-ħlas ta' prezz ta' appalt u VAT mingħand l-esponenti proprio et nomine. Il-jedd t'azzjoni invokat mis-socjeta' attriċi huwa impostat fuq il-kawżali ex contractu. Azzjoni din li neċessarjament u loġikament tista' ssir biss minn kontraent fil-konfront ta' kontraent ieħor.*

*Illi l-kuntratt t'appalt konkluż mas-soċjeta' attriċi huwa dak ta' l-14 ta' Ġunju 2017 (kopja annessa bħala Dok AA2), u kif jista' jirriżulta ampjament, kienet is-soċjeta' konvenuta li nkarigat lis-soċjeta' attriċi, u dan il-fatt huwa ben not lis-soċjeta' attriċi.*

*Illi għal xi raġuni li taf hi biss, is-soċjeta' attriċi għażlet li ma teżebiex dan il-kuntratt mar-rikors maħluf tagħha, u lanqas mar-*rikors li bih talbet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru impunjat. Pero' m'hemmx dubju li s-soċjeta' attriċi kienet taf tajjeb b'dan il-kuntratt, tant li ffirmatu, u għalhekk hija marbuta bih kif inhi marbuta s-soċjeta' konvenuta.*

*Illi għalhekk is-soċjeta' attriċi taf sewwa li hija kkuntrattat mas-soċjeta' Bourne Company Limited, u għalhekk hija kienet qed twettaq abbuż u azzjoni vessatorja meta talbet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru anke fil-konfront ta' l-esponenti f'ismu proprju. Contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non feritur, u għalhekk is-soċjeta' attriċi ma tistax tippretendi li tista' tinjora l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet sempliċiment sabiex toħloq pressjoni fuq l-esponenti.*

*Illi effettivament, l-intenzjoni malizzjuża u vessatorja tas-soċjeta' attriċi irendiha passibbli għall-penali kif maħsub fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Illi bla ħsara għall-premess, fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li m'għandhiex tilqa' t-talba ta' l-esponenti għat-tħassir ta' l-att kawtelatorju ċitat, l-esponenti qed iressaq ukoll talba sussidjarja ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Illi l-Artikolu 838A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:*

> *Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*

*Illi dwar talba li ssir taħt din id-disposizzjoni tal-liġi, jinsab mgħallem, "Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-*

*Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn. Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni. Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni minħabba l-istess Mandat" [***Francis Spiteri et vs. Charles Darmanin et*** (Rikors Numru 571/2010 JRM), deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25/8/2010; ara wkoll **LK Limited Zebbug Malta vs. Adrian Zammit** (Rikors Numru 740/2010 JRM), deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29/9/2010].*

*Illi kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-ħruġ tal-mandat kontra l-esponenti kien att vessatorju intiż biex jolqot lill-esponenti personalment, u dan minkejja l-fatt li s-soċjeta' attriċi kienet taf ben tajjeb illi hi m'għandha l-ebda rapport ġuridiku ma' l-esponenti. Tali att jirrientra allura fit-tifsira ta' malizzja u vessatorjeta', elementi li jikkostitwixxu bażi għall-kundanna ta' penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8). Mhux talli hekk, talli s-sekwestru impunjat wassal ukoll biex l-esponenti jsoffri danni, kif se jintwera waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Il-vessatorjeta' ta' l-att tas-soċjeta' attriċi għandha tikkostitwixxi kawża ġusta għall-impożizzjoni tal-garanzija, biex b'hekk l-istess soċjeta' attriċi tagħmel tajjeb għall-atti tagħha, pendenti d-determinazzjoni tal-pretensjonijiet tagħha fil-mertu.*

*Għaldaqstant l-esponenti qiegħed umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru bin-numru 529/2018 fl-ismijiet "L.S. Group Limited vs. Bourne Company Limited u Adolf Anastasi" billi tirrevokah sa fejn tali mandat jolqot lill-esponenti de proprio;*

(2) *tikkundanna lis-soċjeta' attriċi tħallas il-penali maħsuba fl-artikolu 838(8) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, previa li tiffissa l-ammont ta' penali dovuta;*

(3) *sussidjarjament u bla preġudizzju għat-talbiet preċedenti, tordna lill-attriċi sabiex tagħti, fi żmien qasir u perentorju minnha stabbilit, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, f'ammont u modalita' li jiġu definiti minnha, u fin-nuqqas, tordna r-revoka, t-tħassir u l-kanċellament tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 529/2018, a tenur ta' l-Artikolu 838A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

*u dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti tagħha fi proċeduri ġudizzjarji.*

Rat il-verbal tal-11 ta' Gunju, 2018, fejn Dr Alessandro Lia ghal LS Group Limited ghamel referenza ghall-Art 836 (2) tal-Kap 12 fejn il-Ligi tassattivament torbot lil min jitlob ir-revoka ta' mandat kawtelatroju li jipprezenta mal-istess rikors il-provi kollha in sostenn. Dr Simiana ghar-rikorrenti irrileva li fir-rikors promotur hemm premess li l-att kawtelatorju mpunjat qed jikkawza lill-istess rikorrenti danni u li dan li ser jintwera fit-trattazzjoni tar-rikors f'liema intalbet sussidjarjament l-imposizzjoni ta' garanzija li r-raguni ghaliha hi proprju kawtela ghad-danni li jistghu jinholqu bl-att impunjat. Irrileva in oltre li s-sub inciz 2 tal-Art 836 tal-Kap 12 jirreferi biss ghat-talba revoka u mhux ukoll ghal talbiet ohrajn li jistghu jsiru that l-istess deposizzjoni tal-ligi. (Vide fol 16 et seqq)

Rat ir-rispsota ta' L.S Group Limited (C-67697), datata 11 ta' Gunju 2018, a fol 34 et seqq li taqra hekk:

1. *Bir-rikors tieghu tat-18 ta' Mejju 2018, Adolf Anastasi proprio qed jitlob li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 529/208 jigi revokat in parti, sabiex ma jkomplix jolqot lilu personalment.*

2. *It-talba tar-rikorrent Anastasi hija infondata u dan peress li ghalkemm huwa minnu li x-xogholijiet mertu tal-kuntratt saru minn Bourne Company Limited favor l-esponenti L.S Group Limited, mhuwiex minnu li kien hemm kuntrattazzjoni ohra bejn Bourne Company Limited u L.S Group Limited ghal dawk li huma extra works, liema extra works qatt ma kienu gew prestabbiliti bejn il-kumpanniji.*

3. *Bhala fatt, kien ir-rikorrent Adolf Anastasi personalment li kien ihallas lil L.s Group Limited akkont tal-istess xogholijiet kif ukoll akkont tal-extra works u ghalhekk, f'kull kaz, assuma l-obbligu tal-hlas.*

4. *Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma seta qatt ikollha c-certezza ta' min verament ser jassumi r-responsabbilita' ghall-kuntrattazzjoni stante li l-partijiet qatt ma nizzlu fi ftehim bil-miktub, it-termini u l-kundizzjonijiet ghax-xogholijiet extra li saru fuq il-hanut "Le Parisien", Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq Hal-Warda, Attard u bhala fatt u ghall-kjarezza, ghal dawn ix-xogholijiet is-socjeta' L.S Group Limited dejjem innegozjathom u ddiskutiethom ma' Adolf Anastasi personalment.*

5. *L-esponenti tichad li hija qatt nghatat struzzjonijiet jew direzzjoni li <u>anke x-xogholijiet extra ghandhom ikunu bejnha u bejn Bourne Company Limtied</u> u wisq anqas xtaqet, li r-rikorrenti u l-kumpannjia Bourne Company Limited, jittentaw johorgu mill-obbligu tal-hlas billi jeccepixxu, wiehed jew l-ohra, li mhumiex responsabbli ghal xi hlas jew parti minnu.*

6. *Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-esponenti titlob bir-rispett li tichad it-talba tar-rikorrenti Adolf Anastasi ghar-revoka tal-mandat hawn fuq imsemmi.*

7. *Fir-rigward ghat-talba tal-garanzija a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti taghmel referenza ghad-decizjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward:*

   *"…il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri*

*garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu 6. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni.*

*F'dan is-sens hekk kif inghad fid-decizjoni "Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited" (P.A (RCP) – 20 ta' Mjeju 2002) u wkoll fid-decizjoni "Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et" (P.A – 30 ta' Gunju 2000) :-*

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tiehgu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta…".*

*Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju7. U diment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat Kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju, ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess Mandat.*

*Illi fil-kawza Mangion Galea vs Stewart9 gie ddikjarat: " Li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju u bhala konsegwenza ta' tali hrug u diment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni (ara PA (GC) 2 ta' Marzu 2001 Avukat Dr.Vincent Falzon vs Alex Sullivan)."*

*Illi inoltre huwa principju stabbilit li gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara Farrugia vs Sammut", Kollez Vol.XXXVIII.I.223); u "Barbara vs Fieri" Kollez. Vol. XXVI11.111.695).*

*huwa meta persuna tagixxi kapriccozament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha.*[1]

8. *Ma hemmx dubju li r-rikorrenti la gab prova ta' xi agir in mala fede tal-esponenti jew li lproceduri mittiehda minnha kienu vessatorji. Wisq anqas ir-rikorrenti Anastasi gab xi prova li sofra xi danni b'rizultat ta' dan il-mandat. Ghall-kuntrarju, l-esponenti taf bhala fatt li kemm in-negozju tieghu kif ukoll hajjet ir-rikorrent, ghadhom ghaddejjin qisu xejn m'hu xejn. Mn-naha l-ohra, kif gja' spjegat, l-esponenti kellha ragunijiet legittimi u certament prima facie ragonevoli u gustifikati, li tintavola s-sekwestru taghha kemm kontra l-kumpannija Bourne Company Limited ghal dak li hu VAT u bilanc tal-prezz skond il-kuntratt ta' appalt ta' bejniethom, kif ukoll kontra r-rikorrent f'ismu proprju u Bourne Company Limited flimkien, ghall-prezz tal-extra works u ghall-VAT relattiv, ghal liema xogholijiet ir-rikorrent u l-kumpannija Bourne Company Limited qed jirrifjutaw li jhallsu.*

9. *Ghalhekk ukoll, l-esponenti titlob lil din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent in kwantu dawn jikkoncernaw it-talbiet tieghu ghall-imposizzjoni ta' garanzija a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghall-kundanni ta' penali skond l-artikolu 838 (8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tat-28 ta' Gunju 2018, fejn Dr Alessandro Lia qabel illi l-ammont indikat tal-intimat Adolf Anastati f'ismu proprju ghandi jigi ridott ghall-€ 42,771.92. Dr. Simiana ghar-rikorrenti komunkwe insista ghar-revoka tal-mandat impunjat fl-intier tieghu fil-konfront ta' Adolf Anastasi f'ismu proprju. (Vide fol 62 et seqq)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

[1] Ara digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Marzu 2017, fl-ismijiet A.L Projects Limited vs Steel Structures Company Limited (C04192)

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Adolf Anastasi** xehed a fol 19 *et seqq* illi huwa ghandu kumpanija bl-isem ta' Bourne Company Limited, li nfethet fl-2017 li tikri r-*restaurant* bl-isem ***Le Parisien***, Attard. Spjega li ghalkemm dan ir-restaurant huwa biss mikri, kienet il-kumpanija li kellha taghmel ix-xogholijiet necessarja sabiex tirrangah. Ghalhekk, is-socjeta Bourne Company Limited kienet ghamlet kuntratt mas-socjeta sekwestranti ghax-xogholijiet *turnkey* fir-restaurant.

Xehed li peress li d-dar kienet antika kien hemm bzonn li jsiru xi xogholijiet addizzjonali, izda peress li kien hemm penali ta' €700 kuljum skont il-kuntratt t'appalt, u minhabba li x-xogholijiet ma tlestewx fil-hin, kienu ftehmu illi x-xogholijiet addizzjonali jpattu ghal dawn il-penali. Qal illi pero s-socjeta sekwestranta xorta wahda kienet prezentatlu *invoice* bl-istess ammont ta' xogholijiet addizzjonali.

Rigward id-dokument immarkat bhala Dok AA1 spjega li din hija invoice ghas-somma ta' €160,000 li diga hallas, ghax-xogholijiet li saru fil-hanut. Rigward id-dokument immarkat bhala Dok AA2 spjega illi dan jirrigwarda x-xogholijiet addizzjonali li kien intbaghat lil mis-socjeta sekwestranta permezz ta' *email* datat 4 ta' Jannar 2018. Xehed li filfatt kien dan il-kont li l-partijiet m'humiex qed jaqblu fuqu. Zied illi pero apparti l-hlas ta' €160,000, kien sar hlas iehor ta' €15,000 biex ikopri l-materjali necessarji ghax-xogholijiet addizzjonali, li kien thallas permezz ta' cekk li nhareg mill-kumpanija.

Xehed illi peress illi l-mandat ta' sekwestru inhareg ukoll kontrih personalment, dan ikkawzalu l-problemi peress li ma setghax jaghmel pagamenti li persuni ohrajn ghall-materjal u xogholijiet li kien hemm bzonn ghall-hanut. Zied li ma jistghax lanqas isir kuntratt finali wara konvenju li ghamel personalment peress illi hemm dan is-sekwestru fuqu. Qal illi ghandu dejn fl-ammont ta' circa €70,000, apparti ammont iehor dovut lil ommu, li ma jistghax ihallas minhabba dan il-mandat.

**In kontro-ezami** a fol 28 *et seqq* u a fol 64 *et seqq* xehed illi l-konvenju saru fi Frar 2018, u kkonferma illi kien ilu jaf li s-socjeta sekwestranta qed tippretendi hlas min ghandu minn qabel ma sar dan il-konvenju. Ikkonferma illi l-pjan tieghu kien li jhallas lil kredituri ohra minn assi li ghandu hu personalment, u mhux minn assi tal-kumpanija Bourne Company Limited. Qal illi

apparti l-ewwel kuntratt, il-partijiet kien iffirmaw kuntratt iehor fejn kienu ftehmu li kellu jkun hemm tpacija bejn l-ammont dovut ghax-xogholijiet addizzjonali, u l-ammont dovut mis-socjeta sekwestranta bhala hlas ta' penali ghaliex ix-xoghol ma tlestiex fil-hin. Irribadixxa illi s-socjeta sekwestranta kienet qablet li ssir din it-tpacija, izda mbaghad kienet bidlet fehmtha.

Mistoqsi jekk kellux bzonn jiehu facilita bankarja sabiex jiffinanzja l-progett, wiegeb fl-affermattiv. Ikkonferma illi pero hu qed jaghmel tajjeb ghad-djun tal-kumpanija permezz tal-finanzi tieghu personali.

**Sandro Attard,** prodott mis-socjeta sekwestrata, xehed a fol 46 *et seqq* illi s-socjeta sekwestranta kienet giet inkarigata minn Adolf Anastasi sabiex taghmel xi xogholijiet fir-restaurant Le Parisienne. Rigward l-email esebit a fol 8, xehed illi dan il-kuntratt kien kitbu hu pero l-ahhar klawsola kienet zdiedet mis-socjeta sekwestrata. **Xehed illi l-pagamenti relattivi ghal dan il-kuntratt kienu saru permezz ta' cekkijiet li kienu jinhargu minn Bourne Company Limited.** Zied li pero fil-bidu kienu saru xi pagamenti bi flus kontanti li ma kienx jaf minn liema kont gew.

**In kontro-ezami** a fol 50 *et seqq* xehed illi m'hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar ix-xogholijiet addizzjonali bejn is-socjetajiet kontendenti. Spjega li t-talba tieghu tirrigwarda dawn ix-xogholijiet addizzjonali, il-bilanc rimanenti mill-prezz originali, u l-VAT fuq l-ammont globali. Rigward ix-xogholijiet addizzjonali, xehed li dak iz-zmien hu u Anastasi kienu hbieb u ghalhekk jekk kien jitoblu jaghmel xi haga *on the spot*, kien jaghmilha.

**Ikkonsidrat;**

Il-materja in ezami tirrigwarda talba li saret minn Adolf Anastasi sabiex il-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni jigi revokat sa fejn hu indirizzat lilu f'ismu proprju. Ir-rikorrent jikkontendi illi l-jedd ta' azzjoni invokat mis-socjeta sekwestranta huwa wiehed ex contractu u ghalhekk l-azzjoni tista' tkun biss fil-konfront tal-kumpanija Bourne Company Limited u mhux tieghu personali peress illi hu qatt ma kkontratta f'ismu personali mas-socjeta sekwestranta.

Ir-rikorrent qed jitlob ukoll l-imposizzjoni ta' penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex, skont hu, tissussisti intenzjoni malizjuza u vessatorja da parti tas-socjeta sekwestranti. Ir-rikorrent talab ukoll sabiex fil-kaz illi ma tigi milqugha t-talba ghat-thassir tal-mandat fil-konfront tieghu, l-Qorti tordna l-hlas ta' penali ai termini tal-

Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha s-socjeta sekwestranti oggezzjonat ghal din it-talba, ghaliex tikkontendi li, ghalkemm huwa minnu li fir-rigward x-xogholijiet meritu tal-kuntratt il-klijenta tas-socjeta sekwestranta kienet Bourne Company Limited, ix-xogholijiet addizzjonali ma kienux gew ipprestati lill-istess Bourne Company Limited. Argumentat illi Anastasi kien ghamlet hlasijiet akkont tax-xogholijiet addizzjonali u ghalhekk f'kull kaz assuma l-obbligu tal-hlas. Tghid illi hija qatt ma setghet ikollha certezza dwar min verament kien ser jassumi r-responsabbilita ghaliex il-partijiet qatt ma nizzlu fi ftehim bil-miktub it-termini u l-kondizzjonijiet ghax-xogholijiet addizzjonali, u d-diskussjonijiet u negozjati dejjem saru ma' Anastasi personalment.

Fir-rigward tat-talba ghal imposizzjoni ta' garanzija, s-socjeta sekwestranti targumenta illi r-rikorrent ma gab l-ebda prova ta' agir in mala fede minn naha taghha u lanqas li l-proceduri huma vessatorji, u ghalhekk skont hi, anke din it-talba ghandha tigi michuda.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-**Artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:-

> ***"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***
>
> ***(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;***
>
> ***(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;***
>
> ***(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-attkawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor,jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew***

***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew***

***(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew***

***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnujew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġjew ġustifikabbli.***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikat, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar ir-revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat <u>jekk jintwera</u>** li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas-**27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"***

Vide ukoll **(**"**Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Fic-cirkostanzi, l-Qorti tqis illi din it-talba qed tigi maghmula ai termini tas-sub-inciz (d) tal-Artikolu 836 (1).

F'dan ir-rigward, kif gie osservat fid-decizjoni fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart**, deciza minn din l-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2005, il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din il-kawzali [l-Artikolu 836(1)(d)] huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'*fumus juris*' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li **d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza**, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.

Il-Qorti rat illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet rigward il-persuna ma min ikkontrattat is-

socjeta sekwestranti fir-rigward tax-xogholijiet addizzjonali. Is-sekwestrat jikkontendi illi dawn ix-xogholijiet addizzjonali saru bhala estensjoni tal-kuntratt originali, saru fl-istess *restaurant* u ghalhekk il-klijent tas-socjeta sekwestranti kienet is-socjeta Bourne Company Limited u mhux hu fil-vesti personali tieghu. Is-socjeta sekwestrata minn naha l-ohra, tikkontendi illi hija qatt ma setghat tkun certa ma min qed tikkontratta peress illi ma sarx ftehim bil-mitkub rigward ix-xogholijiet addizzjonali, u dan aktar u aktar peress illi s-sekwestrat *ex admissis* qal illi qed jinjetta flus personali tieghu sabiex Bourne Company Limited tkun tista' taghmel tajjeb ghad-djun taghha.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li ma saritx skrittura ghax-xogholijiet addizzjonali ma jfissirx illi kien impossibbli ghas-socjeta sekwestranti li tifhem ma min qed tikkontratta. Ix-xogholijiet addizzjonali di natura taghhom johorgu mill-kuntratt originali. Huwa ghalhekk li huma xogholijiet **addizzjonali** u mhux semplici xogholijiet. Cioe, xogholijiet li huma addizzjonali ghal dawk indikati fil-kuntratt u li saru fl-istess fond kummercjali, cioe' r-restaurant *Le Parisien*. Dan ifisser illi, almenu *prima facie*, l-argument tas-socjeta sekwestrata li ma setghatx tkun taf ezattament ma min kienet qed tikkontratta fir-rigward tax-xogholijiet addizzjonali ma jsegwix logikament.

Fir-rigward tal-argument illi jista' jkun hemm xi tahwid fuq min hu responsabbli ghall-hlas ghaliex is-sekwestrat kien qed jinjetta flus tieghu fil-kumpanija, il-Qorti tirrileva illi anke dan l-argument huwa nfondat, ghaliex m'hemm xejn stramb illi sid ta' kumpanija jinvesti fl-istess kumpanija sabiex din tkun tista' topera u tirrendi qliegh. Dak li mhuwiex f'loku hu li s-socjeta L.S Group Limited iggieghel lil Anastasi jhallas mill-patrimonju personali tieghu ghad-dejn tas-socjeta' kummercjali Bourne Company Limited.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-mandat ma jidhirx *prima facie* gustifikat u ghalhekk qed jigi revokat fil-konfront ta' Adolf Anastasi ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkonsidrat;**

Is-sekwestrat talab ukoll li jigu mposti penali fuq is-socjeta sekwestranti ghaliex skont hu, il-hrug tal-mandat fil-konfront tieghu kien wiehed malizzjuz u vessatorju.

It-talba ghall-penali taht l-Artikolu 836(8) hija sanzjoni fakoltativa imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[2] L-Artikolu 836(8) tal-Kapitoli 12 huwa ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament.[3]

Ghalhekk il-Qorti tkun tenuta li timponi dawn il-penali biss fejn jirrizultaw l-estremi indikati mill-ligi, u cioe:-

*(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*

*(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Fir-rigward tas-sub-inciz (d), intqal illi l-buona fede hija prezunta u l-hazen irid jigi provat.[4] Ghalhekk min jissoleva l-malizja u l-frivolita jehtieg illi jipprovahom.[5]

---

[2] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.

[3] **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Awissu 2013; **Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Awissu 2012; **Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Marzu 2003; **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**, Qorti tal-Appell Civili, deciza 13 ta' Marzu 2001.

[4] **Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.

[5] **Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 25 ta' Gunju 2014.

Fil-fehma tal-Qorti ma giex sufficjentement provat in-nuqqas ta’ *buona fede* da parti tas-socjeta sekwestranti.

Ghaldaqstant din it-talba qed tigi michuda.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ l-ewwel talba u tirrevoka in parte l-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 529/2018 fl-ismijiet L.S. Group Limited vs Bourne Company Limited u Adolf Anastasi sa fejn dan il-mandat jolqot lil Adolf Anastasi f’ismu personali, tichad it-tieni talba, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba peress illi giet sorvolata bir-revoka tal-mandat fil-konfront ta’ Anastasi.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta sekwestranti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**